MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 834/2011

**GO p.l.c – C22334**

**vs**

**Carmel Grima ID 217949M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ hemm TALBA biex il-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici hames mija u disa' Ewro tnax-il centezmi (€509.12c) skond Dok A, ghal servizzi televisivi, kont nru A/C 80021442. Bl-ispejjes u mghaxijiet.

**Ra** r-RISPOSTA fis-sens li l-ammont imsemmi mhux dovut.

**PROVI**

**1.** **PL Noel Scerri,** ghas-socjeta' attrici esibixxa d-dok NS, kopja tal-kuntratt relativ. L-ammont reklamat ghadu dovut u ma sar ebda hlas *pendente lite.*

**2.** Minkejja diversi differimenti, il-konvenut baqa ma ressaq ebda prova

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. Hawn ghandna biss provi da parti tas-socjeta' attrici. Quddiem in-nuqqas ta' produzzjoni ta' provi da parti ta' Carmel Grima, is-Socjeta' xorta trid tipprova l-kaz taghha ghas-sodisfazzjoni tat-TRIBUNAL, darba li ma hemmx ammissjoni da parti ta' Carmel Grima.

2. It-TRIBUNAL ihoss li da parti tas-socjeta' attrici dan l-obbligu ssodisfatt u bil-produzzjoni ta' prova dokumentarja konfermata bil-guramentat ta' Noel Scerri.

**DECIZJONI**

IT-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjoni tal-konvenut u, wara li jilqa t-talba attrici (2) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici ta' l-*quantum* ta' hames mija u disa' Ewro tnax-il centezmi (€509.12c) kif ukoll (3) l-imghax mit-28 ta' Settembru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv u (4) jhallas ukoll l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------